



Brussell, 14 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10292/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0384 (COD)

CODEC 1051
FSTR 47
FC 55
REGIO 71
SOC 481
EMPL 369
BUDGET 20
AGRISTR 48
PECHE 249
CADREFIN 72
PE 45

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali. - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 12 sa 15 ta' Ġunju 2017)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 tat-TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Iskra MIHAYLOVA (ALDE, BG) ippreżentat emenda ta' kompromess għall-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (emenda 2). Din l-emenda kien intlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmin jawn fuq.

II. VOT

Meta vvota fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Parlament adotta l-emenda ta' kompromess (l-emenda 2) għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif indikat fl-Anness għal dan².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien intlaħaq qbil dwaru bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P8_TA-PROV(2017)0250

Miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali *I**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali (COM(2016)0778 – C8-0489/2016 – 2016/0384(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0778),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0489/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' Frar 2017³,
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-24 ta' Mejju 2017, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0070/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 173, 31.5.2017, p. 38.

P8_TC1-COD(2016)0384

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Ġunju 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi għall-provvista ta' assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali, Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja⁵,

⁴ ĠU C 173, 31.5.2017, p. 38.

⁵ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2017.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ jistabbilixxi regoli komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ('FEŻR'). Sabiex tiġi provduta assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali, jenħteġ li tiġi pprovduta l-possibbiltà tal-introduzzjoni f'programm operazzjonali ta' assi ta' prijorità separat li jkopri l-prijoritajiet tal-investiment tal-FEŻR kif imwaqqaf fir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ b'rata ta' kofinanzjament li tasal sa **95%** - .
- (2) Jenħteġ li l-operazzjonijiet li jiġu kofinanzjati taħt l-assi ta' prijorità separat għal diżastri naturali jkunu dawk immirati lejn ir-rikostruzzjoni bħala rispons għal diżastri naturali ewlenin jew reġjonali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002⁸.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir u l-impjiegi u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289).

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

- (3) Għal operazzjonijiet taħt l-assi ta' prijorità separat għal diżastri naturali, huwa neċessarju li tiġi introdotta deroga mir-regoli ġenerali li jikkonċernaw id-data ta' bidu tal-eliġibbiltà ta' nefqa b'rabta ma' nefqa li ssir eliġibbli bħala riżultat ta' emenda ta' programm, biex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' miżuri ta' kofinanzjament meħuda minn awtoritajiet ta' Stat Membru direttament wara li jkun seħħ diżastru, iżda qabel ma jiġi emendat il-programm operazzjonali.
- (4) Sabiex isir provvediment għall-eliġibbiltà ta' nefqa mġarrba u mħallsa sa mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali, anke jekk dik tkun qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-dispożizzjoni korrispondenti dwar id-data ta' bidu ta' eliġibbiltà ta' benefiċjarji jkollha effett retroattiv.
- (5) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1303/2013 għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013

Fl-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

- '8. Assi ta' prijorità separat b'rata ta' kofinanzjament li tasal sa **95** % jista' jiġi stabbilit fi
ħdan programm operazzjonali bħala appoġġ għal operazzjonijiet li jissodisfaw il-
kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (a) l-operazzjonijiet huma magħżula minn awtoritajiet tal-immaniġġjar bħala rispons
għal diżastri naturali ewlenin jew reġjonali kif definiti fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002*;
 - (b) l-operazzjonijiet huma immirati lejn rikostruzzjoni bħala rispons għad-diżastru
naturali; u

(c) l-operazzjonijiet huma appoġġati taħt prijorità ta' investiment tal-FEŻR.

L-ammont allokat għall-operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandux jaqbeż 5 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR fi Stat Membru għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

B'deroga mill-Artikolu 65(9), in-nefqa għal operazzjonijiet taħt dan l-assi ta' prijorità għandha tkun eliġibbli mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali.

Fejn in-nefqa b'rabta ma' operazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tkun ġiet inkluża f'applikazzjoni ta' pagament sottomessa lill-Kummissjoni qabel it-twaqqif tal-assi ta' priorità separat, l-Istat Membru għandu jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għall-applikazzjoni ta' pagament li jmiss u, fejn xieraq, għall-kontijiet li ġejjin sottomessi wara l-adozzjoni tal-emenda għall-programm.

-
- * Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).'

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
